II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/68

tas-27 ta' Ottubru 2021

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/934 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-prattiki enoloġiċi awtorizzati

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 75(2) u 80(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934 ([2]) jistabbilixxi regoli li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 f'dak li jirrigwarda ż-żoni ta' vitikultura li fihom tista' tiżdied il-qawwa alkoħolika, il-prattiki enoloġiċi awtorizzati u r-restrizzjonijiet applikabbli għall-produzzjoni u l-konservazzjoni tal-prodotti tad-dielja, il-persentaġġ minimu tal-alkoħol għall-prodotti sekondarji u r-rimi tagħhom, u l-pubblikazzjoni tal-fajls tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV).

(2) L-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 jiddefinixxi ż-żoni ta' vitikultura li fihom l-inbejjed jista' jkollhom qawwa alkoħolika totali massima ta' 20 % vol. L-inbejjed Vin de pays de Franche-Comté u Vin de pays du Val de Loire msemmija f'dak l-Artikolu biddlu l-ismijiet. Dak l-Artikolu jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.

(3) Il-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 tistabbilixxi l-lista tal-prattiki enoloġiċi awtorizzati u restrizzjonijiet applikabbli għall-produzzjoni u l-konservazzjoni tal-prodotti tad-dielja li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, kif imsemmi fl-Artikolu 80(1) ta' dak ir-Regolament. It-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 tistabbilixxi l-proċessi enoloġiċi awtorizzati u l-kundizzjonijiet u l-limiti tal-użu tagħhom. It-Tabella 2 ta' dik il-Parti tistabbilixxi l-komposti enoloġiċi awtorizzati u l-kundizzjonijiet u l-limiti tal-użu tagħhom. Jenħtieġ li t-Tabelli 1 u 2 jiġu ssupplimentati biex iqisu l-progress tekniku, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżoluzzjonijiet adottati mill-OIV fl-2019, 2020 u fl-2021. Barra minn hekk, ftit mill-informazzjoni mogħtija f'dawk it-Tabelli jenħtieġ li tiġi ċċarata aktar u jenħtieġ li tittejjeb il-koerenza tagħha.

(4) Sabiex tittejjeb iċ-ċarezza u jiġu infurmati aħjar il-produtturi tal-prodotti tad-dielja bl-użu ta' proċessi enoloġiċi awtorizzati, jenħtieġ li tiżdied kolonna addizzjonali fit-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934. Jenħtieġ li din il-kolonna telenka l-kategoriji tal-prodotti tal-inbid li fil-produzzjoni tagħhom jista' jintuża proċess enoloġiku.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda ż-żoni ta' vitikultura li fihom tista' tiżdied il-qawwa alkoħolika, il-prattiki enoloġiċi awtorizzati u r-restrizzjonijiet applikabbli għall-produzzjoni u l-konservazzjoni tal-prodotti tad-dielja, il-persentaġġ minimu tal-alkoħol għall-prodotti sekondarji u r-rimi tagħhom, u l-pubblikazzjoni tal-fajls tal-OIV (ĠU L 149, 7.6.2019, p. 1).

(5) Il-kundizzjonijiet u l-limiti tal-użu tal-proċess enoloġiku tal-arjazzjoni jew tal-ossiġenazzjoni fl-entrata f'linja 1 tat-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 attwalment awtorizzati huma restrittivi wisq peress li dawn jippermettu biss l-użu ta' ossiġenu gassuż. Minflok, jenħtieġ li dawn jirreferu għall-fajls rilevanti tal-OIV 2.1.1 u 3.5.5 li jippermettu l-użu kemm tal-ossiġenu kif ukoll tal-arja.

(6) Għal raġunijiet ta' kompletezza, il-kundizzjonijiet u l-limiti tal-użu tal-proċess enoloġiku tat-tiswin fl-entrata f'linja 2 tat-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 jenħtieġ li jirreferu għall-fajls addizzjonali tal-OIV li jirrigwardaw it-tiswin, jiġifieri l-fajls 2.3.6, 2.3.9, 3.5.4 u 3.5.10.

(7) Għalkemm huwa aċċettat mill-OIV, it-tkessiħ bħalissa mhuwiex inkluż fit-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934. Minħabba l-importanza tiegħu fil-vinifikazzjoni, huwa xieraq li jiġi awtorizzat l-użu tiegħu, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, u li tiżdied entrata f'linja ġdida f'dik it-Tabella.

(8) Biex tittejjeb iċ-ċarezza, huwa xieraq li jiġi speċifikat liema aġenti filtranti inerti huma awtorizzati fl-entrata f'linja 3 tat-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 billi ssir referenza għall-fajls rilevanti tal-OIV, jiġifieri l-fajls 2.1.11, 2.1.11.1, 3.2.2 u 3.2.2.1.

(9) Fl-entrata f'linja 5 tat-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934, għal raġunijiet ta' konsistenza, l-informazzjoni dwar il-kategoriji tal-prodotti tal-inbid li fil-produzzjoni tagħhom tista' tintuża l-eliminazzjoni tad-diossidu tal-kubrit permezz ta' proċessi fiżiċi jenħtieġ li titħassar mill-kolonna 2 u tiddaħħal fil-kolonna 3 ġdida ta' dik it-Tabella.

(10) L-Artikolu 29 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/273 ([3]) jipprevedi li għadd ta' trattamenti għandhom jiġu rreġistrati fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Dak ir-rekwiżit jissemma f'xi entrati rilevanti, iżda mhux f'kull entrata f'linja tat-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 kif ukoll f'xi Appendiċijiet tal-Anness I ta' dak ir-Regolament. Biex tittejjeb il-konsistenza fir-Regolament Delegat (UE) 2019/934, jenħtieġ li dan ir-rekwiżit jissemma fl-entrati f'linja rilevanti kollha tat-Tabella 1 billi jiżdied meta jkun nieqes u billi jiġi ttrasferit, meta jkun xieraq, mill-Appendiċijiet tal-Anness I. Dan jikkonċerna l-kolonna 2 tal-entrati f'linja 6, 10, 11, 12, 16, 17 u 18 tat-Tabella 1 u l-Appendiċijiet 5, 7, 8 u 10 tal-Anness I.

(11) Il-punti 1(b) u (c) tat-Taqsima B tal-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jirreferu għall-possibbiltà li l-qawwa alkoħolika naturali tal-most tal-għeneb u tal-inbid rispettivament tiżdied permezz ta' konċentrazzjoni parzjali. Dan il-proċess enoloġiku bħalissa mhuwiex inkluż fit-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934. Għalhekk, huwa xieraq li dan jiġi awtorizzat u li tiżdied entrata f'linja ġdida f'dik it-Tabella.

(12) Ir-riżoluzzjoni OIV-OENO 594 A-2019 stabbiliet prattika enoloġika ġdida, jiġifieri t-tnaqqis ta' mikroorganiżmi indiġeni fl-għeneb u l-most permezz ta' proċess ta' pressjoni għolja mhux kontinwa. Għalhekk, jenħtieġ li tiddaħħal entrata f'linja ġdida fit-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934.

(13) Ir-riżoluzzjoni OIV-OENO 594B-2020 stabbiliet prattika enoloġika ġdida, jiġifieri t-trattament tal-most permezz ta' proċessi ta' pressjoni għolja kontinwa biex jiġu eliminati l-mikroorganiżmi selvaġġi. Għalhekk, jenħtieġ li tiddaħħal entrata f'linja ġdida fit-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934.

(14) Ir-riżoluzzjoni OIV-OENO 616-2019 stabbiliet prattika enoloġika ġdida, jiġifieri t-trattament tal-għeneb mgħaffeġ bl-ultrasound biex tiġi promossa l-estrazzjoni tal-komposti tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li tiddaħħal entrata f'linja ġdida fit-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934.

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/273 tal-11 ta' Diċembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħlu l-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawil tad-dwieli, ir-reġistru tal-vinji, id-dokumenti ta' akkumpanjament u ċ-ċertifikazzjoni, ir-reġistru tad-dħul u l-ħruġ, id-dikjarazzjonijiet obbligatorji, in-notifiki u l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni notifikata, u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli u penali rilevanti, li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008, (KE) Nru 606/2009 u (KE) Nru 607/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009 kif ukoll ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/560 (ĠU L 58, 28.2.2018, p. 1).

(15) Ir-riżoluzzjoni OIV-OENO 634-2020 stabbiliet prattika enoloġika ġdida, jiġifieri t-trattament tal-għeneb permezz ta' kampi elettriċi bl-impulsi sabiex tiġi ffaċilitata u tiżdied l-estrazzjoni ta' sustanzi ta' valur. Għalhekk, jenħtieġ li tiddaħħal entrata f'linja ġdida fit-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934.

(16) Ir-riżoluzzjonijiet OIV-OENO 614 A-2020 u 614B-2020 stabbilew prattika enoloġika ġdida, jiġifieri t-trattament tal-most u tal-inbejjed rispettivament permezz ta' żibeġ assorbenti tal-istiren-divinilbenżen biex jitnaqqsu jew jiġu eliminati d-devjazzjonijiet organolettiċi kkaratterizzati bħala "terreni-mostużi". Għalhekk, jenħtieġ li tiddaħħal entrata f'linja ġdida fit-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934.

(17) It-tartrat tal-kalċju ġie inkluż bi żball fit-Taqsima dwar ir-regolaturi tal-aċidità fl-entrata f'linja 1.7 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934. Il-fajl 3.3.12 tal-OIV jirreferi biss għall-proprjetà tiegħu bħala stabbilizzatur. Għalhekk, huwa xieraq li dik l-entrata f'linja titħassar minn dik it-Tabella.

(18) L-aċidu ċitriku ġie inkluż fit-Taqsima dwar l-istabbilizzaturi fl-entrata f'linja 6.3 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934. Il-ħmejjer għall-produzzjoni tal-inbid u l-batterji tal-aċidu lattiku ġew inklużi fit-Taqsima dwar l-aġenti tal-fermentazzjoni rispettivament fl-entrati f'linja 9.1 u 9.2 ta' dik it-Tabella. Minbarra l-proprjetajiet ta' stabbilizzazzjoni u fermentazzjoni rispettivi tagħhom, dawk il-komposti enoloġiċi jistgħu jimmodifikaw ukoll l-aċidità u t-togħma tal-inbid, kif speċifikat fil-fajls rilevanti tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. Għalhekk, huwa xieraq li mat-Taqsima dwar ir-regolaturi tal-aċidità f'dik it-Tabella jiżdiedu entrati f'linja ġodda għall-aċidu ċitriku, il-ħmejjer għall-produzzjoni tal-inbid u l-batterji tal-aċidu lattiku rispettivament.

(19) L-esperjenza wriet li għadd ta' kategoriji tal-prodotti tal-inbid imsemmija fil-kolonna 8 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 kienu nieqsa jew mhux korretti għal xi komposti enoloġiċi. Dan jikkonċerna l-entrati f'linja 2.1 sa 2.4, 4.1 sa 4.6, 5.9, 5.11, 5.12, 5.16, 6.4, 6.11, 7.2 sa 7.8 u 9.2. Għalhekk, il-kolonna 8 ta' dawk l-entrati f'linja jenħtieġ li tiġi emendata bix-xieraq.

(20) Id-diossidu tal-kubrit, il-bisulfit tal-potassju u l-metabisulfit tal-potassju stabbiliti rispettivament fl-entrati f'linja 2.1, 2.2 u 2.3 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 huma komposti simili koperti mill-istess fajls tal-OIV. Għalhekk, huwa xieraq li jissemmew l-istess fajls tal-OIV fil-kolonna 3 ta' dik it-Tabella u l-istess kategoriji tal-prodotti tal-inbid fil-kolonna 8 ta' dik it-Tabella għal dawk it-tliet komposti.

(21) Il-faħam għall-użu enoloġiku kif imsemmi fl-entrata f'linja 3.1 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 u l-fibri veġetali selettivi kif imsemmi fl-entrata f'linja 3.2 ta' dik it-Tabella, jintużaw minflok għall-assorbiment tagħhom milli għall-proprjetajiet tagħhom ta' sekwestru. Għalhekk, għal finijiet ta' kjarifika, l-isem tat-Taqsima 3 f'dik it-Tabella li għaliha jappartjenu dawn il-komposti jenħtieġ li jinbidel minn "Sekwestranti" għal "Assorbenti".

(22) Ir-riżoluzzjoni OIV-OENO 633-2019 emendat l-objettivi u l-preskrizzjonijiet tal-fajl 2.3.2 tal-OIV dwar l-attivaturi tal-fermentazzjoni. Il-kolonna 3 tal-entrati f'linja 4.1, 4.6 u 4.8 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 jenħtieġ li tiġi emendata bix-xieraq.

(23) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 ([4]) stabbilixxa l-kundizzjonijiet tal-użu tal-kloridrat tat-tijamina billi speċifika li mhux aktar minn 0,6 mg/l (espress f'tijamina) jista' jintuża għal kull trattament. Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/934, li ħassar ir-Regolament (KE) Nru 606/2009, żamm dan ir-rekwiżit. Madankollu, ir-referenza espliċita għal-limitazzjoni kwantitattiva għall-użu tat-tijamina tneħħiet peress li tqies li l-fajls 2.3.3 u 4.1.7 tal-OIV imsemmija fil-kolonna 3 tal-entrata f'linja 4.5 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 diġà jagħtu din l-informazzjoni. Madankollu, matul l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934, deher ċar li l-qari kkombinat taż-żewġ fajls tal-OIV jista' jwassal għal

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 tal-10 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tal-kategoriji tal-prodotti tad-dwieli, il-prattiċi enoloġiċi u r-restrizzjonijiet applikabbli (ĠU L 193, 24.7.2009, p. 1).

konfużjoni fir-rigward tal-kwantità permessa massima ta' tijamina. Jidher possibbli li, fin-nuqqas ta' referenza numerika espliċita, ir-referenzi separati fil-fajl 2.3.3 (li jqis 0,6 mg/l bħala doża suffiċjenti għall-most) u fil-fajl 4.1.7 (li jippermetti massimu ta' 0,6 mg/l għall-inbejjed frizzanti) jistgħu jinftiehmu li qed jipprevedu l-limitu massimu kkombinat ta' 1,2 mg/l. Biex tiġi evitata l-possibbiltà ta' interpretazzjoni ħażina rigward il-kundizzjonijiet tal-użu tat-tijamina, huwa xieraq li fil-kolonna 7 tal-entrata f'linja 4.5 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 tiġi speċifikata l-kwantità massima ta' 0,6 mg/l kif kien il-każ fir-Regolament (KE) Nru 606/2009 għal dak il-kompost.

(24) Mill-1 ta' Ġunju 2013, il-bentonit ma għadux awtorizzat bħala addittiv tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Għalhekk, huwa xieraq li jitħassar in-numru E tiegħu fil-kolonna 2 tal-entrata f'linja 5.9 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934.

(25) Ir-riżoluzzjoni OIV-OENO 612-2019 issostitwiet il-fajl 2.1.7 tal-OIV dwar iż-żieda tat-tannini mal-most. Il-kolonna 3 tal-entrati f'linja 5.12 u 6.4 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 jenħtieġ li tiġi emendata bix-xieraq.

(26) Ir-riżoluzzjoni OIV-OENO 613-2019 issostitwiet il-fajl 3.2.6 tal-OIV dwar iż-żieda tat-tannini mal-inbejjed. Il-kolonna 3 tal-entrati f'linja 5.12 u 6.4 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 jenħtieġ li tiġi emendata bix-xieraq.

(27) Ir-Regolament (KE) Nru 606/2009 illimita l-użu tal-kitosan fil-produzzjoni tal-inbid għall-komposti dderivati biss mill-*Aspergillus niger*. Din ir-restrizzjoni nżammet fl-entrati f'linja 5.13 u 10.3 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934. Madankollu, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([6]) jawtorizza fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid stabbilita fl-Anness tiegħu l-estratt tal-kitosan minn fungi dderivati jew mill-*Agaricus bisporus* jew mill-*Aspergillus niger*. Għalhekk, huwa xieraq li r-referenzi fl-entrati f'linja 5.13 u 10.3 ta' dik it-Tabella jiġu allinjati mad-dispożizzjoni korrispondenti fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470. Għaldaqstant, il-kolonna 1 ta' dawk l-entrati f'linja jenħtieġ li tispeċifika li l-kitosan jista' jkun idderivat ukoll mill-*Agaricus bisporus*.

(28) Il-forma tetra-idrata tat-tartrat tal-kalċju kif imsemmi fl-entrati f'linja 6.2 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 tintuża bħala għajnuna għall-ipproċessar mis-settur tal-inbid tal-Unjoni. Madankollu, it-tartrat tal-kalċju jeżisti wkoll f'forma di-idrata, li anke jekk rarament tintuża fl-ikel hija awtorizzata bħala addittiv tal-ikel E 354 skont ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 u tirrappreżenta sustanza distinta mill-forma tetra-idrata. Għal raġunijiet ta' kompletezza, bħalissa hemm inkluża wkoll referenza għall-E 354 fl-entrata f'linja 6.2 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934. Madankollu, matul l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934, deher ċar li l-forma di-idrata tat-tartrat tal-kalċju ma tintużax fil-vinifikazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-industrija jirrapportaw li fil-prattika, l-unika forma ta' tartrat tal-kalċju disponibbli fis-suq hija l-forma tetra-idrata. Għalhekk, biex jiġi ċċarat l-użu u tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni bejn iż-żewġ forom tat-tartrat tal-kalċju, ir-referenza għall-addittiv tal-ikel E 354 fil-kolonna 2 tal-entrata f'linja 6.2 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 jenħtieġ li titħassar.

(29) Il-fajl 3.3.10 tal-OIV jikkonċerna t-trattament tal-inbejjed bil-ferroċjanur tal-potassju. Dan il-fajl ma jissemmiex fil-kolonna 3 tal-entrata f'linja 6.5 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 għalkemm huwa partikolarment rilevanti għalih. Għalhekk, huwa xieraq li tiżdied referenza għal dan il-fajl fih.

(30) Ir-riżoluzzjonijiet OIV-OENO 586-2019 u OIV-OENO 659-2020 emendaw il-preskrizzjonijiet tal-fajl 3.3.14 tal-OIV dwar it-trattament bil-gomma taċ-ċelluloża (karbossimetilċelluloża). Il-kolonni 3 u 8 tal-entrata f'linja 6.11 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 jenħtieġ li jiġu emendati bix-xieraq.

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

(31) Ir-referenza għall-fajl COEI-1-POTASP tal-Kodiċi Enoloġiku Internazzjonali tal-OIV fil-kolonna 4 tal-entrata f'linja 6.13 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 mhijiex korretta. Jenħtieġ li din tiġi sostitwita b'referenza għall-fajl COEI-1-POTPOL.

(32) Ir-Riżoluzzjoni OIV-OENO 581 A-2021 stabbiliet prassi enoloġika ġdida, jiġifieri t-trattament bl-aċidu fumariku fl-inbid biex tiġi evitata l-fermentazzjoni malolattika. Għalhekk, jenħtieġ li tiddaħħal entrata f'linja ġdida fit-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934.

(33) Kif indikat fil-fajl COEI-1-PRENZY tal-Kodiċi Enoloġiku Internazzjonali tal-OIV, il-preparazzjonijiet enzimatiċi fihom ħafna attivitajiet enzimatiċi, u, għajr l-attivitajiet enzimatiċi ewlenin, l-attivitajiet sekondarji huma ttollerati biss jekk dawn jiġu stabbiliti fil-limiti tar-restrizzjonijiet teknoloġiċi għall-manifattura tat-preparazzjonijiet enzimatiċi. Din id-distinzjoni bejn l-attivitajiet ewlenin u dawk sekondarji bħalissa mhijiex speċifikata fir-Regolament Delegat (UE) 2019/934. Għalhekk, huwa xieraq li din tiġi inkluża fit-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I ta' dak ir-Regolament Delegat u li ssir referenza għall-fajl COEI-1-PRENZY fil-kolonna 4 tal-entrati f'linja 7.1 sa 7.11.

(34) Ir-Riżoluzzjoni OIV-OENO 682-2021 aġġornat il-fajls 1.13, 2.1.4, 2.1.18, 3.2.8 u 3.2.11 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid għall-Prattiki Enoloġiċi. Is-sena ta' referenza għal dawn il-fajls ma tissemmiex fil-kolonna 3 tat-Taqsima 7 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 u għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat.

(35) Il-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV jelenka għadd ta' enzimi differenti. Dawk mhux kollha huma inklużi fit-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934. Sabiex il-produtturi tal-inbid jingħataw l-akbar firxa possibbli ta' enzimi biex itejbu l-inbejjed tagħhom, huwa xieraq li l-lista ta' enzimi awtorizzati f'dik it-Tabella tiġi armonizzata mal-lista ta' enzimi aċċettati fil-Kodiċi tal-Prattiċi Enoloġiċi tal-OIV. Għalhekk, jenħtieġ li jiżdiedu entrati f'linja ġodda għall-enzimi arabinanaži, beta-glukanaži (β1-3, β1-6) u glukożidaži fit-Taqsima 7 "Enzimi" ta' dik it-Tabella. Barra minn hekk, il-fajl COEI-1-GLYCOS tal-Kodiċi Enoloġiku Internazzjonali tal-OIV jenħtieġ li jitħassar mill-kolonna 4 tal-entrata f'linja 7.8 ta' dik it-Tabella u jitmexxa għall-kolonna 4 tal-entrata f'linja l-ġdida 7.11 peress li dan jirreferi għall-enzima nnumerata EC 3.2.1.21.

(36) Ir-Riżoluzzjonijiet OIV-OENO 541 A-2021 u 541B-2021 stabbilew prassi enoloġika ġdida, jiġifieri l-użu tal-Asperġillopepsina I biex jitneħħew il-proteini li jiffurmaw iċ-ċpar fil-most u fl-inbid rispettivament. Għalhekk, jenħtieġ li tiddaħħal entrata f'linja ġdida fit-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934.

(37) Il-fajl COEI-1-LESEAC fil-Kodiċi Enoloġiku Internazzjonali tal-OIV ġie ssostitwit bil-fajls COEI-1-SACCHA u COEI-1-NOSACC. Għalhekk, huwa xieraq li titħassar ir-referenza għall-fajl COEI-1-LESEAC fil-kolonna 4 tal-entrata f'linja 9.1 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 u tiġi ssostitwita b'referenza għall-fajls COEI-1-SACCHA u COEI-1-NOSACC.

(38) Ir-riżoluzzjoni OIV-OENO 611-2019 ikkompletat il-fajl 2.1.3.2.3.2 tal-OIV dwar id-diaċidifikazzjoni permezz tal-batterji tal-aċidu lattiku. Dan il-fajl huwa rilevanti għall-entrata f'linja 9.2 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 u għalhekk jenħtieġ li jiżdied mal-kolonna 3 tiegħu.

(39) Skont il-paragrafu 1 tal-Appendiċi 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934, l-użu tal-aċidu tartariku għad-deaċidifikazzjoni huwa attwalment permess biss għall-prodotti li joriġinaw mill-varjetajiet tad-dielja "Elbling" u "Weißer Riesling" u li jinkisbu minn għeneb maħsud fiż-żoni ta' vitikultura li ġejjin tal-parti tat-Tramuntana taż-żona ta' vitikultura A: Ahr, Rheingau, Mittelrhein, Mosel, Nahe, Rheinhessen, Pfalz u Moselle luxembourgeoise. Il-Ġermanja infurmat lill-Kummissjoni li l-kultivazzjoni tal-varjetajiet tad-dielja "Elbling" u "Weißer Riesling" issa hija awtorizzata fil-Ġermanja f'żoni oħra ta' vitikultura taż-żona ta' vitikultura A. Għalhekk, il-lista tar-reġjuni msemmija f'dak il-paragrafu jenħtieġ li tiġi emendata biex tkopri ż-żoni kollha taż-żona ta' vitikultura A fil-Ġermanja.

(40) Il-Parti B tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 tiddefinixxi l-kontenut massimu ta' diossidu tal-kubrit tal-inbejjed. L-ismijiet tal-inbejjed Côteaux de l'Ardèche, Lot, Corrèze, Oc, Thau u Allobrogie msemmija fl-erbatax-il inċiż tal-punt A(2)(c) ta' dik il-Parti nbidlu. Barra minn hekk, is-Slovenja talbet li żżid l-inbid vrhunsko vino ZGP — slamno vino (vino iz sušenega grozdja) fil-lista tal-inbejjed li għalihom il-kontenut massimu ta' diossidu tal-kubrit jista' jiżdied sa 400 mg/l. Dan l-inbid għandu kontenut għoli ħafna ta' zokkor residwu, u għalhekk jeħtieġ livelli ogħla ta' diossidu tal-kubrit biex tiġi żgurata l-preservazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li l-Parti B tal-Anness I tiġi emendata bix-xieraq.

(41) Spanja talbet li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet relatati mal-inbejjed likuri Spanjoli stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 biex tiġi żgurata l-konsistenza mad-definizzjoni tal-inbejjed likuri kif imsemmi fil-punt (3) tal-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mal-ispeċifikazzjonijiet tal-inbejjed bid-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti Condado de Huelva u Lebrija. Fuq talba tal-produtturi tal-inbid, Spanja talbet ukoll biex iżżid il-varjetajiet Garnacha roja u Mazuela fil-lista tal-varjetajiet kif imsemmi fl-Appendiċi 3 tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu emendati t-Taqsimiet u l-Appendiċijiet rilevanti tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934.

(42) Il-Parti B tal-Appendiċi 1 tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 telenka l-inbejjed likuri b'Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta li l-produzzjoni tagħhom tinvolvi ż-żieda tal-prodotti msemmija fil-punt (3)(f) tal-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Wara li saru emendi fl-ispeċifikazzjonijiet tal-inbid bid-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta Κουμανδαρία (Commandaria), Ċipru talab li dan l-inbid jiżdied mal-punti 5 u 6 tal-Parti B tal-Appendiċi 1 tal-Anness III ta' dak ir-Regolament Delegat. Jenħtieġ li dawn il-punti jiġu emendati bix-xieraq.

(43) Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2019/934 jenħtieġ li jiġi emendat bix-xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi fir-Regolament Delegat (UE) 2019/934

Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/934 jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Żoni ta' vitikultura li fihom l-inbejjed jista' jkollhom qawwa alkoħolika totali massima ta' 20 % vol.

Iż-żoni ta' vitikultura msemmija fl-ewwel inċiż tal-punt (c) tat-tieni paragrafu tal-punt (1) tal-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu ż-żoni C I, C II u C III msemmija fl-Appendiċi 1 ta' dak l-Anness u ż-żoni taż-żona B fejn jistgħu jiġu prodotti l-inbejjed bojod bl-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti li ġejjin: Franche-Comté u Val de Loire.";

(2) L-Anness I jiġi emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(3) L-Anness III jiġi emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti A tiġi emendata kif ġej:

(a) It-Tabelli 1 u 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"**Tabella 1**

Proċessi enoloġiċi awtorizzati kif imsemmija fl-Artikolu 3(1)

	1	2	3
	Proċessi enoloġiċi	Kundizzjonijiet u limiti tal-użu ([1])	Kategoriji ta' prodotti tal-inbid ([4])
1	Arjazzjoni jew ossiġenazzjoni	Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajls 2.1.1 (2016) u 3.5.5 (2016) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV.	(1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16)
2	Trattament bis-sħana	Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajls 1.8 (1970), 2.2.4 (1988), 2.3.6 (1988), 2.3.9 (2005), 3.4.3 (1988), 3.4.3.1 (1990), 3.5.4 (1997) u 3.5.10 (1982) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV.	Għeneb frisk, (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16)
2a	Trattamenti bil-kesħa	Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1(c) tat-Taqsima B tal-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u fil-fajls 1.14 (2005), 1.15 (2005), 2.1.12.4 (1998), 2.3.6 (1988), 3.1.2 (1979), 3.1.2.1 (1979), 3.3.4 (2004) u 3.5.11.1 (2001) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV.	Għeneb frisk, (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16)
3	Ċentrifugazzjoni u filtrazzjoni b'aġent filtranti inert jew mingħajru	L-aġenti filtranti inerti huma dawk imsemmija fil-fajls 2.1.11 (1970), 2.1.11.1 (1990), 3.2.2 (1989) u 3.2.2.1 (1990) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. L-użu tagħhom ma għandux iħalli residwi mhux mixtieqa fil-prodott trattat.	(1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16)
4	Ħolqien ta' atmosfera inerta	Unikament bl-iskop li l-prodott jiġi mmanipulat filwaqt li jibqa' protett mill-arja.	(1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16)
5	Eliminazzjoni tad-diossidu tal-kubrit permezz ta' proċessi fiżiċi		Għeneb frisk, (2), (10), (11), (12), (13) u (14)
6	Reżini ta' skambju joniku	Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.	Most tal-għeneb maħsub għall-manifattura tal-most tal-għeneb konċentrat u rettifikat
7	Gassifikazzjoni	Unikament għal meta jintuża l-argon jew in-nitroġenu.	(1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16)

8	Flotazzjoni	Meta jintuża n-nitroġenu jew id-diossidu tal-karbonju jew billi tingħata l-arjazzjoni. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajl 2.1.14 (1999).	(10), (11) u (12)
9	Diski tal-paraffina pura impregnati bl-isotijoċjanat tal-allil	Unikament bl-iskop li tinħoloq atmosfera sterilizzata. Fl-Italja huwa permess biss sakemm ikun konformi mal-leġiżlazzjoni ta' dak il-pajjiż, u f'kontenituri li jesgħu aktar minn 20 litru biss. L-użu tal-isotijoċjanat tal-allil huwa soġġett għall-kundizzjonijiet u l-limiti mogħtija fit-Tabella 2 dwar il-komposti enoloġiċi awtorizzati.	Most parzjalment iffermentat għall-konsum dirett mill-bniedem tale quale, (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (15) u (16)
10	Trattament bl-elettrodijaliżi	Unikament bl-iskop li tiġi żgurata l-istabbilizzazzjoni tartarika tal-inbid. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 5 ta' dan l-Anness. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.	Most parzjalment iffermentat għall-konsum dirett mill-bniedem tale quale, (1), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (15) u (16)
11	Biċċiet tal-injam tal-ballut	Fil-produzzjoni u l-maturazzjoni tal-inbid, inkluż fil-fermentazzjoni tal-għeneb frisk u tal-most tal-għeneb. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 7 ta' dan l-Anness. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.	(1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16)
12	Korrezzjoni tal-kontenut ta' alkoħol fl-inbejjed	Korrezzjoni mwettqa biss għall-inbid. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 8 ta' dan l-Anness. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.	(1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (15) u (16)
13	Skambjaturi tal-katjoni għall-istabilizzazzjoni tartarika	Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajl 3.3.3 (2011) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. Dan għandu jikkonforma wkoll mar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati għall-implimentazzjoni tiegħu. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.	Most parzjalment iffermentat għall-konsum dirett mill-bniedem tale quale, (1), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (15) u (16)
14	Trattament elettromembranarju	Unikament għall-aċidifikazzjoni jew id-deaċidifikazzjoni. Soġġett għall-kundizzjonijiet u l-limiti stabbiliti fit-Taqsimiet C u D tal-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament. Dan irid jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 u mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 ([3]) u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati għall-implimentazzjoni tiegħu. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajls 2.1.3.1.3 (2010), 2.1.3.2.4 (2012), 3.1.1.4 (2010), 3.1.2.4 (2012) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.	(1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16)
15	Skambjaturi tal-katjoni għall-aċidifikazzjoni	Soġġett għall-kundizzjonijiet u l-limiti stabbiliti fit-Taqsimiet C u D tal-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament. Dan irid jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati għall-implimentazzjoni tiegħu. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajls 2.1.3.1.4 (2012) u 3.1.1.5 (2012) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.	(1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16)

16	Abbinament tal-membrani	Għat-tnaqqis tal-kontenut taz-zokkor fil-most biss. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 9 ta' dan l-Anness. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.	(10)
17	Kuntatturi tal-membrana	Unikament bl-iskop li jiġi mmaniġġjat il-gass maħlul fl-inbid. Iż-żieda tad-diossidu tal-karbonju għall-prodotti ddefiniti fil-punti (4), (5), (6) u (8) tal-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 hija pprojbita. Dan għandu jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 u mar-Regolament (UE) Nru 10/2011 u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati għall-implimentazzjoni tiegħu. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajl 3.5.17 (2013) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.	(1), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (15) u (16)
18	Teknoloġija tal-membrana abbinata mal-karbonju attivat	Unikament bl-iskop li jitnaqqas l-eċċess tal-4-etilfenol u tal-4-etilgwajakolu fl-inbejjed. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 10 ta' dan l-Anness. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.	(1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (15) u (16)
19	Folji filtranti li fihom iż-żeolit y-faujasit	Unikament bl-iskop tal-assorbiment tal-aloanisoli. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajl 3.2.15 (2016) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV.	(1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (15) u (16)
20	Konċentrazzjoni parzjali	Għall-most tal-għeneb: soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1(b) tat-Taqsima B tal-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u fil-fajls 2.1.12 (1998), 2.1.12.1 (1993), 2.1.12.2 (2001), 2.1.12.3 (1998) u 2.1.12.4 (1998) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. Għall-inbid: soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1(c) tat-Taqsima B tal-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u fil-fajls 3.5.11 (2001) u 3.5.11.1 (2001) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.	(1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (15) u (16)
21	Trattament bi proċessi ta' pressjoni għolja mhux kontinwa	Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajls 1.18 (2019) u 2.1.26 (2019) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV.	Għeneb frisk, (10), (11) u (12)
